# MALTI

# Sillabu Ta' L-Iskejjel Primarji

Dipartiment tal-Kurrikulu, Floriana

# L-EWWEL SENA

# MIRI TA' TAGĦLIM

# GĦALL-EWWEL SENA

| 1.1 SMIGĦ | 1.2 TAĦDIT | 1.3 QARI | 1.4 KITBA |
|---|---|---|---|
| **Jisimgħu testi b'tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet.** | **Jitkellmu biex jagħtu tagħrifa qasira u diretta, struzzjoni jew direzzjoni.** | **Jibda l-qari ta' kliem f'kuntest u bl-użu ta' stampi biex it-tfal jiskopru l-ittri ta' l-alfabett.** | **Jiżviluppaw il-ħila tal-kitba fuq eżempji miktuba u abbinati ma' stampi assoċjati ma' l-ittri ta' l-alfabett.** |
| **1.1.1** Jisimgħu b'attenzjoni u b'konċentrazzjoni. | **1.2.1** Iwasslu messaġġ jew aħbar. | **1.3.1** Jirrepetu f'rima u ritmu kliem f'kuntest u abbinat ma' stampi | **1.4.1** Juru l-ħila fil-kitba ta' ittri u kliem. |
| Juru li fehmu bi tweġib verbali u mhux verbali. | Ifissru direzzjonijiet bi kliem sempliċi. | Jagħrfu u jlissnu kliem li jabbinaw ma' stampi. | Juru li jafu jaqbdu l-lapes sewwa bejn is-swaba' u li jżommuh sod. |
| Jagħmlu użu minn dak li jkunu semgħu. | Jagħtu direzzjonijiet sempliċi kif wieħed jasal minn post għal ieħor. | Iqabblu kliem mismugħ u familjari ma' dak miktub. | Permezz tal-linji fil-pitazz jibdew iżommu kontroll fuq il-qies, il-proporzjon u l-ispazju. |
| **1.1.2** Joqogħdu attenti għal stejjer sempliċi, għanjiet, taqbiliet u testi ta' drama. | **1.2.2** Iwieġbu għal mistoqsijiet sempliċi. | **1.3.2** Jagħrfu li l-kelma miktuba twassal tifsir. | **1.4.2** Iwasslu tifsir ta' kliem. |
| Iwieġbu mistoqsijiet sempliċi dwar dak li jkunu semgħu. | Jagħmlu talbiet dwar ħtiġiet bażiċi. | Jagħrfu u jaqraw isimhom u kunjomhom. | Juru li jafu jpinġu mill-immaġinazzjoni tagħhom biex ifissru kliem. |
| Iqabblu stampi ma' testi/stejjer biex juru sekwenza. | Jitkellmu b'sentenzi sempliċi dwar sekwenzi fi stampi. | Jagħrfu u jassoċjaw ċerta kitba ma' reklamar. | Juru li jifhmu t-tifsira minn tpinġija/grafika billi jiktbu l-ittra inizjali. |
| **Joqogħdu attenti għal kull kmand u struzzjoni fil-klassi, tislim u bażi ta' djalogu/ konverżazzjoni.** | **Jitkellmu fi gruppi taħt it-tmexxija ta' l-għalliem/a bil-għan li jagħtu sehemhom f'xi attività.** | **Jagħrfu l-grafika lingwistika u jifhmu l-messaġġi li jitwasslu minnha.** | **Jiktbu isimhom u kunjomhom.** |
| **1.1.3** Jifhmu li l-interazzjoni soċjali tiġi mill-istruzzjonijiet/mid-direzzjonijet fil-klassi billi jagħtu tweġibiet verbali jew mhux verbali. | **1.2.3** Jitkellmu u jaqsmu fehemthom dwar logħob, ħruġ mal-familja u ġrajjiet fil-familja, fit-triq, fil-belt, eċċ. | **1.3.3** Jaqraw u jfissru kull grafika lingwistika marbuta ma' l-ambjent. | **1.4.3** Jiktbu l-ewwel ittri ta' l-isem u l-kunjom b'ittri kapitali. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Jisimgħu kull kmand u/jew struzzjoni u jitqanqlu biex jattivaw kemm il-moħħ kif ukoll il-ġisem. | Iwieġbu għal kull tislim jew xewqat verbali u għal mistoqsijiet, u jagħrfu jirreċiprokaw. | Jagħrfu tipi ta' messaġġi differenti f'inviti, f'kartolini t'għeluq is-snin, f'dawk tal-Milied, u jfissru fi kliem sempliċi avvenimenti partikolari. | Jiktbu xi kliem li huma ta' użu komuni fil-ħajja ta' kuljum. |
| | | | Jiktbu xi sentenzi qosra. |
| **L-Akkwist tal-Vokabularju** | **It-Tisħiħ tal-Vokabularju** | **It-Tisħiħ tal-Vokabularju** | **L-Użu tal-Vokabularju** |
| **1.1.4** L-akkwist u t-tisħiħ tal-vokabularju għandu jsir permezz tas-smigħ minn qari mill-għalliem/a: smigħ ta' stejjer, għanjiet, taqbiliet, eċċ., permezz tal-medja u kkomplimentati b'ċaqliq tal-ġisem. | **1.2.4** Il-vokabularju li jakkwistaw permezz tas-smigħ għandhom jirrepetuh kontinwament f'kuntesti msejsin fuq ritmu u rima. | **1.3.4** Il-vokabularju mwassal bis-smigħ u mitkellem f'kuntesti ripetutament għandhom jużawh ukoll fil-qari: qari ta' sentenzi qosra, stejjer qosra, għanjiet u taqbiliet, eċċ. | **1.4.4** Il-vokabularju akkwistat permezz tat-tliet ħiliet l-oħra għandhom jużawh fil-kitba ta' sentenzi sempliċi. |
| | | **L-Imġiba favur il-Qari.** | |
| | | **1.3.5** Juru għarfien tal-konvenzjoni tal-ktieb. | |
| | | **1.3.6** Jagħrfu u jħossu l-korrispondenza bejn il-ħoss (fonema) u s-simbolu (grafema). | |
| | | **1.3.7** Juru li jagħrfu numru ta' kliem f'kuntest mad-daqqa t'għajn. | |
| | | **1.3.8** Juru l-ħila tal-fehem meta jaqraw kotba sempliċi bil-għajnuna ta' l-għalliem/a. | |
| | | **1.3.9** Juru li jaslu biex jippruvaw jaqraw għal rashom**.** | |

| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** |
|---|---|---|---|
| **1.1.5** Juru ħerqa lejn is-smigħ ta' stejjer u lejn il-wiri t' episodji fil-medja viżiva. | **1.2.5** Juru l-ħerqa li jirrakkontaw storja minn dawk li semgħu fi kliemhom. | **1.3.10** Juru l-ħerqa li jaqraw minn rajhom kotba, stejjer, għanjiet u taqbiliet. | **1.4.5** Juru ħerqa li jipproduċu tpinġijiet u wara kitbiet sempliċi u qsar dwar dak li jkunu qraw u semgħu. |
| **1.1.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar stejjer, għanjiet, taqbiliet. | **1.2.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar stejjer, għanjiet, taqbiliet. | **1.3.11** Juru l-preferenzi tagħhom dwar x'jogħġobhom jaqraw. | **1.4.6** Juru l-ħajriet tagħhom lejn il-kreattività, imqanqlin minn dak li semgħu u qraw. |

# PROGRAMM

# TA’ L-EWWEL SENA

## 1.1 SMIGĦ

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| **Jisimgħu testi b'tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet.** | Stejjer sempliċi fejn karattri jingħataw struzzjonijiet u direzzjonijiet, inklużi ***Action Rhymes.*** |
| **1.1.1** Jisimgħu b'attenzjoni u b'konċentrazzjoni. | Jidħol l-użu tal-Ktieb il-Kbir. L-attenzjoni tinġibed sew biċ-ċaqliq (lingwaġġ) tal-ġisem u l-espressjoni tal-wiċċ, kif ukoll bit-tonalità tal-vuċi tal-qarrej. |
| Juru li fehmu bi tweġib verbali u mhux verbali. | Jistgħu jwieġbu bil-kliem jew b'azzjoni. Jista' jsir użu minn taqbiliet li jħajru lit-tfal iwieġbu b'mod mhux verbali. |
| | |
| Jagħmlu użu minn dak li jkunu semgħu. | Jipprattikaw dak li jkunu semgħu billi jeżerċitaw l-istruzzjonijiet mogħtija mill-għalliem/a. Hawn jidħol l-użu tat-***TPR (Total Physical Response).*** |
| **Jisimgħu stejjer sempliċi, għanjiet, taqbiliet u testi ta' drama.** | |
| **1.1.2** Joqogħdu attenti għal stejjer sempliċi, għanjiet, taqbiliet u testi ta' drama. | Stejjer, għanjiet u taqbiliet fejn ir-repetizzjoni, ir-ritmu u r-rima għandhom ikunu l-qofol. Għandu jkun introdott l-użu ta' narratur ***(Story Teller)***. |
| Iwieġbu mistoqsijiet sempliċi dwar dak li jkunu semgħu. | Għalissa l-konċentrazzjoni għandha tkun fuq tweġibiet b'kelma waħda, ġeneralment għal mistoqsijiet: ***Min? Fejn? Meta?*** Għandha ssir referenza għall-jiem tal-ġimgħa fil-kuntest ta' konverżazzjoni u direzzjonijiet u l-użu tal-kliem: **illum, ilbieraħ, għada;** u tal-frażijiet: **fis-sajf, fix-xitwa.** |
| Iqabblu stampi ma' testi/stejjer biex juru sekwenza. | L-użu tal-Ktieb il-Kbir u prodotti għall-medja elettronika, kif ukoll illustrazzjonijiet grafiċi (żewġ jew tliet stampi abbinati mal-mistoqsija: **X'ġara l-ewwel ?)** li jorbtu m'ordni sekwenzjata. |
| **Joqogħdu attenti għal kull kmand u struzzjoni fil-klassi, tislim u bażi ta' djalogi u konverżazzjoni.** | |
| **1.1.3** Jifhmu li l-interazzjoni soċjali tiġi mill-istruzzjonijiet/mid-direzzjonijiet billi jagħtu tweġibiet verbali u mhux verbali. | Il-konċentrazzjoni għandha tkun fuq direzzjonijiet b'imperattivi komuni fil-ħajja ta' kuljum.(Ejja. Qum bil-wieqfa. Ġib il-kulur. eċċ. Wara jiżdiedu: Oħorġu l-ktieb. Ejjew ħdejja. eċċ.) |
| Jisimgħu kull kmand u/jew struzzjoni u jitqanqlu biex jattivaw kemm il-moħħ kif ukoll il-ġisem. | |

| L-Akkwist tal-Vokabularju | |
|---|---|
| **1.1.4** L-akkwist u t-tisħiħ tal-vokabularju għandhom jiġu permezz tas-smigħ minn qari mill-għalliem/a: qari ta' stejjer, għanjiet, taqbiliet, eċċ.; u permezz tal-medja u kkumplimentati b'movimenti u/jew ċaqliq (lingwaġġ) tal-ġisem. | Jitlaqqgħu ma' firxa wiesgħa ta' kliem mill-ħajja ta' kuljum b'mod funzjonali. Kull vokabularju għandu jitwassal f'kuntest u qatt iżolat. |
| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | |
| **1.1.5** Juru ħerqa favur is-smigħ ta' stejjer u lejn il-wiri ta' episodji iffilmjati fil-medja viżiva. | Bil-mod il-mod jibnu repertorju ta' ġeneru ta' stejjer li jappellaw għalihom aktar minn oħrajn. |
| **1.1.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar stejjer, għanjiet, taqbiliet, eċċ. | |

## 1.2 TAĦDIT

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| | |
| **Jitkellmu biex jagħtu tagħrifa qasira u diretta, struzzjoni jew direzzjoni.** | |
| **1.2.1** Iwasslu messaġġ jew aħbar. | Jidraw iwasslu tagħrif u messaġġi qsar bħal: Ommi qaltli… Is-surmast irid… In-nannu mar … Il-qattusa… Pawlu … |
| Ifissru direzzjonijiet bi kliem sempliċi. | Juru li jafu jfissru direzzjoni bl-użu ta' ***ħdejn*** u ***fejn.*** |
| Jagħtu direzzjonijiet sempliċi kif wieħed jasal minn post għal ieħor. | Mill-klassi għall-uffiċċju ta'…; mill-klassi għall-bitħa; Użu ta' mkejjen fid-dar: itla' fuq, inżel isfel, fuq il-bejt, eċċ. |
| **1.2.2** Iwieġbu għal mistoqsijiet sempliċi. | Mistoqsijiet dwar karattri minn stejjer; dwar annimali favoriti; dwar xi jħobbu jieklu u jixorbu, eċċ; dwar il-qraba u x'jisimhom. |
| Jagħmlu talbiet dwar ħtiġiet bażiċi. | Jidraw jitolbu bl-użu ta': Jekk jogħġbok nista'…? Għandi bżonn… Nista' nieħu… ? Nista' mmur…? |
| Jitkellmu b'sentenzi sempliċi dwar sekwenzi fi stampi. | Waqt li jsegwu l-istampi, ikun tajjeb li jsiru mistoqsijiet biex jgħinuhom jaraw is-sekwenzi. |
| **Jitkellmu fi gruppi taħt it-tmexxija ta' l-għalliem/a bil-għan li jagħtu sehemhom f'xi attività.** | Jistgħu jitkellmu fi grupp ta' tnejn jew aktar bl-iskop li jaqsmu l-esperjenzi dwar logħob, ġugarelli, xogħol bl-idejn, eċċ. |
| **1.2.3** Jitkellmu u juru fehemthom dwar logħob, ħruġ mal-familja, u ġrajjiet fil-familja, fid-dar, fit-triq, fl-istaġuni tas-sajf u tax-xitwa. | Huwa importanti li jiżviluppaw djalogi biex aktar tissawwar l-interattività soċjali f'kull student/a. Jistgħu jagħtu kliemhom lil xi pupa jew ġugarell. |
| Iwieġbu għal kull tislim jew xewqat verbali u għal mistoqsijiet, u jagħrfu jirreċiprokaw. | Kif inti? Tajjeb/Tajba grazzi. Saħħa. Bonġu. Il-lejl it-tajjeb. Jagħrfu jagħtu wkoll tweġibiet qsar: Jiena Dino. Għandi ħames snin. Għandi qattusa/kelb, eċċ. |
| **Tisħiħ tal-Vokabularju** | |
| **1.2.4** Il-vokabularju li jakkwistaw permezz tas-smigħ għandhom jirrepetuh kontinwament f'kuntesti msejsin fuq ritmu u rima. | Għandhom isiru konxji tal-binja sillabika permezz tal-ħoss. Jingħataw opportunitajiet fejn jiltaqgħu ma' alliterazzjonijiet ħfief. (Toni tani tina. Tajtu tuta tajba.) |

| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | |
|---|---|
| **1.2.5** Juru l-ħerqa li jirrakkontaw storja minn dawk li jkunu semgħu. | Bi xprunar (*prompting*), għandhom jingħataw kull opportunità li jirrakkontaw dwar ġrajjiet u stejjer li jiltaqgħu magħhom u fil-kuntest ta' l-immaġinazzjonijiet tat-tfulija. |
| **1.2.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar stejjer, għanjiet, taqbiliet u testi ta' drama. | Jitħallew jistqarru liema ġeneru jogħġobhom l-aktar. Wieħed għandu jinkoraġġihom jirreċtaw testi drammatizzati u fuq kollox jitkellmu u jkantaw quddiem mikrofonu. |

## 1.3 QARI

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| | |
| **Jibda l-qari ta' kliem f'kuntest u bl-użu ta' stampi biex jiskopru l-ittri ta' l-alfabet.** | |
| **1.3.1** Jirrepetu f'ritmu u rima kliem f'kuntest u abbinat ma' stampi. | Għandhom jingħataw kull okkażjoni biex iħossu r-rima fi vrus alternati permezz tal-ħoss u mqanqal mill-fehem. **(ħin ma' tin u fin, eċċ.; sar ma' tar u mar, eċċ.; ħajja ma' bajja)** |
| Jagħrfu u jlissnu kliem li jabbinaw ma' stampi. | Din dar; Dan bir, Dan sur; Din tina; Din mejda, eċċ. |
| Iqabblu kliem mismugħ u familjari ma' dak miktub. | Dan / Dan kelb. / Dan kelb sufi. / Dan kelb sufi ħelu. / Dan kelb sufi, ħelu u kbir. / eċċ.<br>Dan / Dan il-kelb. / Dan il-kelb sufi. / Dan il-kelb sufi u ħelu.<br>Din / Din kelba. / Din kelba ħelwa. / Din kelba ħelwa u mansa. |
| **1.3.2** Jagħrfu li l-kelma miktuba twassal tifsir. | Jitħarrġu kemm permezz ta' stampi biex jaqraw tifsir ta' azzjonijiet, kif ukoll permezz ta' kliem abbinat ma' ċaqliq tal-ġisem. (jiġri/tiġri/jiġru; jikteb/tikteb/jiktbu; raqad/raqdet/raqdu; jimxi/timxi/nimxu, eċċ.) |
| Jagħrfu u jaqraw isimhom u kunjomhom. | L-ismijiet kollha tat-tfal fil-klassi għandhom ikunu miktubin b'tipi kbar sew fuq kartonċina u mħollijin fid-diher biex gradwalment kull tifel/tifla ikollu/jkollha konoxxenza t'ismijiet varji u l-ortografija tagħhom. It-tfal għandhom isiru familjari mal-kelma ISEM (direttiva) fuq pitazz/ktieb, eċċ.; u jidraw ukoll iqassmu pitazzi u oġġetti oħra bl-ismijiet fuqhom. Għandu jidħol l-użu tal-mistoqsijiet **'Min?'** u **'Ta' min hu/hi?'** |
| Jagħrfu u jassoċjaw ċerta kitba ma' reklamar. | L-għalliem/a j/tinsisti biex toħroġ aktar qawwija l-esperjenza tal-vokabularju maħżun permezz ta' l-osservazzjoni. |
| **Jagħrfu u jaqraw il-grafika lingwistika u jifhmu l-messaġġi li jitwasslu minnha.** | |

| | |
|---|---|
| **1.3.3** Jaqraw u jfissru kull grafika lingwistika marbuta ma' l-ambjent. | It-tfal għandhom jitlaqgħu ma' grafika relatata ma' l-ambjent uman u jingħataw taħriġiet fejn jistgħu juru li jifhmu t-tifsir tal-messaġġi li twassal dik il-grafika. (eż: telefon, ambulanza, ristorant, tpejjipx, taqtax fjuri, eċċ.) |
| Jagħrfu tipi differenti ta' messaġġi f'inviti, kartolini t'għeluq is-snin, f'dawk tal-Milied, eċċ., u jfissru fi kliem sempliċi avvenimenti partikolari. | Jaqraw id-dettalji importanti. Jistqarru: Dan invit. Din kartolina tal-….u jkomplu jaqraw l-istedina/l-awguri, eċċ., megħjuna b'mistoqsijiet. |
| **Tisħiħ tal-Vokabularju** | |
| **1.3.4** Il-vokabularju mwassal bis-smigħ u mitkellem ripetutament f'kuntesti għandhom jużawh ukoll fil-qari ta' sentenzi qosra, stejjer qosra, għanjiet u taqbiliet. | M'għandhiex tonqos kull inizjattiva ta' taħriġ fil-qari li tikkonsolida dak kollu mwassal permezz tas-smigħ u pprattikat bit-taħdit. Il-qari jissaħħaħ ukoll permezz ta' 'cards' miktubin apposta. |
| **L-Imġiba Favur il-Qari** | |
| **1.3.5** Juru għarfien tal-konvenzjoni tal-ktieb. | Wieħed irid jisħaq li t-tfal jkunu jafu t-titlu tal-ktieb, isem l-awtur, il-qoxra tal-ktieb bit-titlu u bl-isem ta' l-awtur, u s-sekwenza tal-paġni, u kull illustrazzjoni relatata mat-test. |
| **1.3.6** Jagħrfu u jħossu l-korrispondenza bejn il-ħoss (fonema) u s-simbolu (grafema). | Għandha ssir enfasi biex kull simbolu relatat mal-ħoss ikun imwassal permezz ta' grafika rilevanti biex jissaħħah it-tagħlim. (Ittra-Ħoss-Stampa → b → (ħoss) → ballun ) |
| **1.3.7** Juru li jagħrfu numru ta' kliem f'kuntest mad-daqqa t'għajn. | Isir qari tal-kliem marbut ma' temi partikulari u li jkun meħud mill-ħajja ta' kuljum u mill-esperjenzi ta' l-istess qari. |
| **1.3.8.** Juru l-ħila tal-fehem meta jaqraw kotba sempliċi bil-għajnuna ta' l-għalliem/a. | Permezz ta' mistoqsijiet l-għalliema għandhom jisiltu mingħand it-tfal sunt/apprezzament fil-qosor ta' dak li jkun inqara. |
| **1.3.9** Juru li jaslu biex jippruvaw jaqraw għal rashom. | Fil-klassi għandu jkun hemm għażla ta' kotba/letteratura addattata għal-livelli u l-ħtiġiet partikulari biex it-tfal jagħmlu l-għażla skond il-gosti u x-xewqat tagħhom. Jitħeġġu jġibu kotba mid-dar. |
| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | |
| **1.3.10** Juru l-ħerqa/t-tqanqil li jaqraw minn rajhom kotba, stejjer, għanjiet u taqbiliet. | Għandu jinħoloq kull spazju fil-klassi u barra minnha (anke fil-laqgħat ta' filgħodu) fejn it-tfal jingħataw l-opportunità li jaqraw xi siltiet li jogħġbuhom.. |
| **1.3.11** Juru l-preferenzi tagħhom dwar x'jaqraw. | |

## 1.4 KITBA

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| | |
| **Jiżviluppaw il-ħila tal-kitba fuq eżempji miktuba u abbinati ma' stampi assoċjati ma' l-ittri ta' l-alfabett.** | |
| **1.4.1** Juru l-ħila fil-kitba ta' ittri u kliem. | Jiktbu ittri ta' l-alfabett u kliem sħiħ abbinat ma' stampi. Wara jingħataw kliem f'sillabi. |
| Juru li jafu jaqbdu l-lapes sewwa bejn is-swaba' u li jżommuh sod. | Għandu jsir taħriġ fuq il-qabda sewwa tal-lapes u tal-pożizzjoni tal-ġisem bil-qiegħda, speċjalment kif l-id għandha tkun imserrħa ma' wiċċ il-mejda, id-dahar vertikali (90 grad) ma' dahar is-siġġu u r-riġlejn vertikali (90 grad) ma' l-art. |
| Permezz tal-linji fil-pitazz jaslu biex ikollhom kontroll fuq il-qies, il-proporzjon u l-ispazju. | Taħriġ f'dan is-sens għandu jwassal għall-kontroll, għall-organizzazzjoni u għall-preżentazzjoni. Jibdew jiktbu l-ewwel l-ittri ż-żgħar. |
| **1.4.2** Iwasslu tifsir ta' kliem. | |
| Juru li jafu jpinġu mill-immaġinazzjoni tagħhom biex ifissru kliem. | Il-vokabularju akkwistat s'issa għandu jqanqal il-fehem biex issa t-tfal jagħrfu jesprimu bi tpinġija l-immaġnijiet mentali mqanqla minn ittri, kliem, frażijiet u sentenzi. |
| Juru li jifhmu t-tifsira minn tpinġija/grafika billi jiktbu l-ittra inizjali. | Il-grafika/it-tpinġija issa għandha tqanqal aktar il-vokabularju akkwistat. Dan għandu jiġi espress aktar f'kitba ta' ittri. |
| **Jiktbu isimhom u kunjomhom.** | |
| **1.4.3** Jiktbu l-ewwel ittri ta' l-isem u l-kunjom b'ittri kapitali. | Dan għandu jkun l-ewwel pass lejn l-għarfien tal-punteġġjatura. |
| Jiktbu xi kliem li huwa ta' użu komuni fil-ħajja ta' kuljum. | Inwasslu lit-tfal jiktbu mill-kuntesti fil-ħajja ta' kuljum skond il-livell ta' ħila..<br>Dan pakkett. Dan ħalib. Dan pakkett ħalib. Dan ħalib frisk.<br>Ġib pakkett. Ġib pakkett ħalib. Ġib pakkett ħalib frisk. |
| Jiktbu xi sentenzi qosra. | Għall-bidu għandha ssir traskrizzjoni (ikkupjar) u gradwalment it-tfal jitħeġġu jdaħħlu kliem nieqes. Wara jiktbu xi sentenzi minn rajhom anke stimulati minn stampi mill-Ktieb il-Kbir. Għandha ssir enfasi fuq il-punteġġjatura fir-rigward tas-sentenza: l-ittra kapitali fil-bidu u l-punt (*full stop)*. |

| Tqanqil mill-Vokabularju | |
|---|---|
| **1.4.4** Il-vokabularju akkwistat permezz tat-tliet ħiliet l-oħra għandhom jużawh f'kitba ta' sentenzi sempliċi. | Għandu jkun ippreparat/ippreżentat kull mezz li jqanqal il-kreattività. Jinħolqu opportunitajiet ta' logħob bil-kliem, per eżempju, kliem minn anagrammi (traka = karta) u għarfien ta' palindromi (ara, ili, Anna, Alla). |
| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | |
| **1.4.5** Juru ħerqa li jipproduċu tpinġijiet u wara kitbiet sempliċi u qsar dwar dak li qraw, raw u semgħu. | Għandu jingħata kull spazju fiżiku fil-klassi u barra minnha biex l-espressjoni kreattiva tat-tfal titpoġġa għall-wiri biex (i) tkun apprezzata minn kulħadd; (ii) u permezz ta' hekk il-wiri jservi ta' tqanqil għall-oħrajn; (iii) u fuq kollox jibda dieħel sens ta' sodisfazzjon u ta' inizjattiva f'dawk li għamlu x-xogħol. Dan ikun turija ta' proċess demokratiku. |
| **1.4.6** Juru l-ħajriet tagħhom lejn il-kreattività. | |